



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Lulju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0197(COD)

10906/21
ADD 5

CLIMA 198
ENV 534
TRANS 483
MI 572
CODEC 1108
IA 139

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 614 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO ₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 614 final.

Mehmuż: SWD(2021) 614 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2021
SWD(2021) 614 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali h'ief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni

{COM(2021) 556 final} - {SEC(2021) 556 final} - {SWD(2021) 188 final} -
{SWD(2021) 613 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-Reviżjoni tal-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO ₂ għal karożżi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Ġew identifikati tliet problemi ewlenin fil-livell tal-UE: (1) il-vetturi ħfief jikkontribwixxu b'mod insuffiċjenti għat-tnaqqis ta' mill-inqas 55 % tal-gassijiet serra sal-2030 u għan-newtralità klimatika sal-2050; (2) il-konsumaturi jinsabu f'riskju li jitlef l-benefiċċji ta' vetturi b'emissjonijiet zero; u (3) il-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku fl-UE tinsab f'riskju li titlef il-pożizzjoni tagħha ta' tmexxija fil-qasam tat-teknoloġija. Il-valutazzjoni tal-impatt tiddekrivi wkoll l-iżprunaturi ta' dawn il-problemi, u l-partijiet ikkonċernati affettwati l-aktar.
X'għandu jinkiseb?
L-inizjattiva għandha l-għan li tilħaq l-oġettivi speċifiċi li ġejjin: (1) li tikkontribwixxi għall-mira ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 u għall-oġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050, permezz ta' tnaqqis b'mod kosteffettiv tal-emissjonijiet ta' CO ₂ mill-karożżi u l-vannijiet; (2) li tipprovdi benefiċċji lill-konsumaturi u liċ-ċittadini minn varar usa' ta' vetturi b'emissjonijiet zero; (3) li tistimola l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'emissjonijiet zero, u b'hekk issaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku tal-UE u tistimola l-impjiegi.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
It-tibdil fil-klima huwa problema transkonfinali fejn azzjoni koordinata tal-UE tissupplimenta u ssaħħaħ l-azzjoni nazzjonali u lokali b'mod effettiv. Mingħajr azzjoni ulterjuri tal-UE, l-inizjattivi nazzjonali u lokali waħedhom x'aktarx li ma jkunux biżżejjed, u hemm riskju li jifframentaw is-suq intern. L-azzjoni tal-UE tipprovdi lill-katina kollha tal-valur tas-settur awtomobilistiku bis-sinjal tas-suq stabbli u fit-tul meħtieġ, u biċ-ċertezza regolatorja li hemm bżonn, għal investimenti kapitali kbar meħtieġa biex jiġu introdotti vetturi mingħajr emissjonijiet.
B. Soluzzjonijiet
X'inhu l-għażliet differenti biex jinkisbu l-oġettivi? Hemm għażla ppreferuta? Jekk le, għaliex?
Ġew esplorati diversi għażliet ta' politika, miġbura fi tliet kategoriji ewlenin: (i) livelli, twaqqit u modalitajiet għall-miri tal-emissjonijiet tas-CO ₂ għall-karożżi u l-vannijiet; (ii) inċentiv speċifiku għal vetturi b'emissjonijiet zero jew baxxi (ZLEV); (iii) mekkaniżmu li jqis il-kontribuzzjoni potenzjali tal-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-fini ta' valutazzjoni tal-konformità mal-miri. Skont l-għażla ppreferuta, il-livelli fil-mira tal-emissjonijiet tas-CO ₂ għall-karożżi u l-vannijiet (% ta' tnaqqis meta mqabbel mal-2021) jissaħħu b'mod sinifikanti mill-2030, u jonqsu kull ħames snin. Id-dħul possibbli mill-primjum għal emissjonijiet eċċessivi jibqa' parti mill-baġit ġenerali tal-UE. Il-mekkaniżmu ta' inċentiv speċifiku attwali għal ZLEV jitneħħa mill-2030. Ma ġie introdott l-ebda mekkaniżmu li jqis il-kontribut potenzjali ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.
X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?
Abbażi tar-riżultati tal-OPC, fir-rigward tal-livelli fil-mira tas-CO ₂ , il-manifatturi tal-vetturi talbu li ma jkun hemm l-ebda bidla fil-miri attwali stabbiliti għall-2025. Għall-2030 u lil hinn minn dik id-data, il-livell ta' ambizzjoni jeħtieġ jiddependi fuq il-kundizzjonijiet abilitanti. L-awtoritajiet pubbliċi u l-NGOs b'mod ġenerali appoġġaw l-iffissar ta' miri aktar ambizzjużi għall-2025 u l-2030, u miri ġodda għall-2035 u l-2040. L-NGOs ambjentali talbu mira ta' emissjonijiet zero sa mhux aktar tard mill-2035. Fir-rigward

tat-twaqqit tal-miri, il-manifatturi tal-vetturi appoġġaw il-kontinwazzjoni ta' approċċ fi stadji ta' ħames snin. L-NGOs ambjentali talbu miri li jonqsu kull sena, jew għal mira *interim* li għandha tiġi stabbilita fl-2027. Rigward il-mekkaniżmu ta' inċentiv għal ZLEV, il-manifatturi esprimew il-fehma li dan għandu jinżamm fil-forma attwali tiegħu. L-NGOs ambjentali talbu li din l-iskema ta' inċentivi titneħħa hekk kif il-proporzjon ta' vetturi elettriċi jilħaq ċertu livell. Il-produtturi tal-fjuwil u l-fornituri tal-komponenti esprimew il-fehma li l-valutazzjoni tal-konformità għandha tikkunsidra it-tnaqqis fl-emissjonijiet minħabba l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju. L-NGOs ambjentali kienu kontra l-idea li jittieħed kont ta' dan.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-għażla ppreferuta tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet. Meta mqabbel mal-2005 it-tnaqqis projettat fl-emissjonijiet għal dan is-settur huwa fil-medda ta' 32-33 % fl-2030, ta' 56-66 % fl-2035 u ta' 83-89 % fl-2040. Se jikkontribwixxi wkoll għal inqas emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja: il-kost kumulattiv stmat tas-sustanzi niġġiesa li jiġu evitati meta mqabbel mal-linja bażi fil-perjodu mill-2030 sal-2040 jammonta għal bejn EUR 49 biljun u EUR 59 biljun. Il-benefiċċji għall-konsumaturi f'termini ta' ffrankar nett medju fil-kost totali tas-sjieda, fuq medja tal-flotta ta' vetturi ġodda fl-UE kollha, għal karożza tal-2030 huma ta' bejn EUR 330 u EUR 600, filwaqt li għal vann tal-2030 huma ta' bejn EUR 340 u EUR 600, għall-ewwel utent. Dawn jiżdiedu għal madwar EUR 2800 - EUR 3100 għal karożza tal-2040, u għal madwar EUR 5200 - EUR 5500 għal vann tal-2040. It-tieni utent ukoll igawdi minn iffrankar nett. Il-benefiċċji għas-soċjetà matul il-ħajja huma ta' madwar EUR 860 - EUR 1600 għal karożza tal-2030, u ta' madwar EUR 1000 - EUR 1200 għal vann tal-2030. Dawn jiżdiedu għal madwar EUR 4600 - EUR 5100 għal karożza tal-2040 u għal madwar EUR 5600 - EUR 6400 għal vann tal-2040. Tul il-perjodu mill-2030 sal-2050, l-iffrankar kumulattiv tad-diżil u l-petrol tal-magni fil-medda ta' 913-1100 Mtoe jinkiseb fir-rigward tal-linja bażi, u b'hekk titnaqqas id-dipendenza tal-ekonomija tal-UE fuq l-importazzjoni. Il-PDG u l-impjiegi fl-ekonomija kollha jintlaqtu b'mod pożittiv. B'mod partikolari, l-għadd ta' impjiegi jiżdied fl-2030, u mistenni jiżdied saħansitra aktar fl-2040. Madankollu, huwa previst telf ta' impjiegi relatati mal-produzzjoni ta' komponenti għal magni konvenzjonali, u għalhekk se jkun hemm bżonn ta' taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema fis-settur biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-kostijiet għall-manifatturi tal-karozzi jiżdiedu, peress li jeħtieġ li jintużaw teknoloġiji addizzjonali fil-flotta ta' vetturi ġodda biex jintlaħqu l-miri aktar stretti tas-CO₂. Għal vettura ġdida tal-2030, fuq medja tal-flotta ta' vetturi ġodda fl-UE kollha, il-kostijiet addizzjonali huma fil-medda ta' EUR 300 - EUR 550 (għall-karozzi) u ta' EUR 450 - EUR 940 (għall-vannijiet). Dawn jiżdiedu għal medda ta' bejn EUR 1400 - EUR 1700 għal karożza tal-2040 u ta' bejn EUR 2300 - EUR 2700 għal vann tal-2040.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?

L-analiżi turi impatti ekonomiċi pożittivi, anke għall-SMEs. L-SMEs li jużaw il-vannijiet se jibbenefikaw l-aktar mill-iffrankar tal-fjuwil. Filwaqt li jista' jkun li l-SMEs li jipproduċu teknoloġiji konvenzjonali se jkollhom bżonn jaġġustaw, dawn se jibbenefikaw ukoll mill-opportunitajiet ġodda li toħloq id-domanda addizzjonali għal teknoloġiji ġodda.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Filwaqt li l-impatti ġenerali fuq il-PDG se jkunu pożittivi, it-telf fid-dħul mid-dazju fuq il-fjuwil fl-2030 huwa stmat għal madwar 0.01 % tal-PDG tal-EU-27. Dan it-telf jista' jiġi bbilanċjat fil-livell tal-Istati Membri, pereżempju permezz ta' tassazzjoni indiretta. Ma hemm l-ebda impatt amministrattiv addizzjonali fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
Qafas regolatorju ambizzjuż u kosteffettiv fit-tul għall-emissjonijiet tas-CO ₂ mill-karozzi u l-vannijiet se jipprovdi prevedibbiltà u se jgħin lill-industrija tal-karozzi tal-UE żżomm il-pożizzjoni ta' tmexxija teknoloġika tagħha.
Proporzjonalità?
L-azzjoni proposta hija proporzjonata biex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi li l-UE impenjat ruħha li tilħaq.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Se jiġi previst rieżami tal-effikaċja tal-leġiżlazzjoni l-għdida, allinjata mar-rieżami ta' leġiżlazzjoni oħra bħal fil-proposta għall-ETS u r-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.